**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR RACHEL MONTEBELLO B.A. LL.D.**

**Kumpilazzjoni Nru.: 375/2020**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Roderick Attard)**

**-Vs-**

**DANIEL DESMOND BORG**

**Illum, 29 ta' Lulju 2021**

**Il-Qorti,**

Rat illi **DANIEL DESMOND BORG** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 54990M akkuzat talli :-

1) Nhar il-5 ta' Awwissu 2020 u fil-jiem ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin gab ruhu b'mod illi ta' fastidju lil Marie Louise Stanyer, l-eks tfajla tieghu.

2) Nhar il-5 ta' Awwissu 2020 u fil-jiem ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin, bl-imgieba tieghu ikkaguna lil-istess Marie Louise Stanyer, l-eks tfajla tieghu biza' li se tintuzha vjolenza kontriha.

3) Akkuzat aktar talli nhar il-5 ta' Awissu 2020, ghall-habta ta' bejn is-saghtejn ta' wara nofsinhar (14:00hrs) u s-sitta ta' filghaxija (18:00hrs) gewwa Hal Far u/jew f'inhawi ohra fil-gzejjer Maltin, kiser volontarjament il-bon-ordni jew il-kwiet tal-pubbliku

4) Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi għamel lil Marie Louise Stanyer inġurji jew theddid mhux imsemmijin band'oħra f'dan il-Kodiċi, jew jekk ikunipprovokat, jinġurja b'mod li joħroġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni

5) Akkuzat aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi mingħajr ma darab jew sawwat, hedded bi ħwejjeġ oħra iebsin, jew iwaddabhom, jew jaqbad armi oħra kontra Marie Louise Stanyer

6) Akkuzat ukoll talli nhar il-5 ta' Awissu 2020, u/jew fil-jiem ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika hedded li jagħmel xi reat.

7) Akkuzat ukoll talli nhar il-5 ta' Awissu u/jew fil-jiem ta' qabel gewwa l-gzejjer Maltin permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika ghamilt uzu iehor mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet mitluba li titratta ma' Daniel Desmond Borg bhala persuna recidiva ai termini tal-artikoli 49 u 50 tal-kap 9 tal-ligijiet ta' Malta b'numru ta' sentenzi li gew definitivvi u li ma jistghux jigu appelati.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex jthallsu l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra taa; l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

F’kaz ta’ ħtija, u anke’ matul l-mori tal-kawza, l-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurta ta’ Marie Louise Stanyer ai termini ta’ l-artikolu 412C , tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat il-kunsens moghti mill-Avukat Generali ghall-finijiet tal-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz jigi trattat bil-procedura sommarja[1];

Rat illi l-imputat waqt l-ezami, filwaqt li ddikjara li ma ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bil-procedura sommarja, wiegeb li mhux hati tal-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu;

Rat in-nota pprezentata minn Marie Louise Stanyer fit-28 ta’ Settembru 2020 sabiex tikkostitwixxi ruhha bhala l-parti offiza f’dawn il-proceduri[2];

Rat il-provi kollha mressqin mill-Prosekuzzjoni;

Semghet ix-xhieda kollha;

Rat l-atti kollha ;

Semghet it-trattazzjoni orali tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza waqt is-seduta tal-24 ta’ Gunju 2021;

Rat illi l-kawza kienet imhollija ghal-lum ghas-sentenza;

Ikkunsidrat;

Dan huwa kaz ta’ allegat vjolenza domestika kif definita fl-Att dwar il-Vjolenza Domestika u r-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat fl-ewwel u t-tieni

[1] Fol. 9.
[2] Fol. 43.

imputazzjonijiet, jikkoncernaw incident li gie rapportat lill-Pulizija minn Marie Louise Stanyer fis-6 ta' Awwissu 2020, liema incident sehh fil-5 ta' Awwissu 2020. Jirrizulta li l-imputat kellu relazzjoni ta' madwar sentejn mal-parti offiza u flimkien ghandhom wild minuri. Din ir-relazzjoni ntemmet f'Mejju 2020 wara illi l-imputat allegatament aggredixxa lill-parti offiza f'incident li sehh fit-2 ta' Mejju 2020, liema incident il-Qorti fehmet mix-xhieda li jifforma l-mertu ta' proceduri ohrajn li jinsabu *sub judice*.

Marie Louise Stanyer xehdet illi in segwitu ghat-terminazzjoni tar-relazzjoni mal-imputat, hija kienet ftiehmet mieghu illi jiltaqghu kull tant zmien biex l-imputat jista' jara lill-minuri, izda minhabba t-theddid kontinwu da parti tal-imputat permezz ta' diversi messaggi li kien jibghatilha, hija ddecidiet li ma twegibx ghall-messaggi tieghu u ghamlet tliet ijiem tinjorah. Fil-5 ta' Awwissu 2020 ghall-habta tas-2.30 p.m, x'hin kienet hierga mix-xoghol gewwa l-fabbrika Metalform, Hal Far, semghet lil xi hadd « *jinbah* » u rat lill-imputat gej b'rankatura ghaliha u jaghmillha l-ponn ma' wiccha b'mod li kellha taghfas daharha mal-bieb tal-hgieg tal-fabbrika. Hu qalilha b'lehen jghajjat li jrid jara lit-tifla u jekk ma jarahiex dakinhar stess ser ikissrilha l-karozza u dak il-hin mar fil-vettura tieghu li kienet ipparkjata barra l-parkegg tal-fabbrika u gie lura b'bicca hadida f'idu. Sadanittant, semghatu wahda mill-impjegati tal-fabbrika li marret tghajjat ghall-imghallem li gie biex jikkalma s-sitwazzjoni. Skont il-parti offiza, l-imputat, fil-presenza taghha, qal lill-imghallem taghha li kien ser ikompli jkissrilha hajjitha sakemm tnehhi ruhha u li ser jaghmlilha « *bhal ta' Haz Zabbar* » fost theddid iehor. Hija ddeskriviet il-komportament tal-imputat waqt dan l-incident bhala aggressiv, "*indannat u kieku seta', kien joqtolni* ». L-ghada hija rrapportat l-incident mal-Agenzija Appogg kif ukoll fl-Ghassa tal-Pulizija. Marie Louise Stanyer esebiet ukoll sett stampat ta' messaggi ta' theddid li kien baghtilha l-imputat fit-18 ta' Gunju 2020[3].

[3] Dok. MS1, fol. 56 sa fol. 62.

Il-fatt li effettivament sehh dan l-incident huwa affermat minn diversi xhieda, fosthom **Flavia Vassallo** u **Irene Medina**, zewg impjegati li kienu qed jahdmu fil-fabbrika, li entrambi xehdu li semghu l-ghajjat u intervjenew biex jikkalmaw il-partijiet u semghu wkoll lill-imputat jilmenta li kien ilu gimgha ma jara lil bintu.  Irene Medina xehdet ukoll illi gieli semghet lil Marie Louise Stanyer tibki u tghid li l-imputat kien isawwatha.

**Josef Cutajar**, *supervisor* tal-fabbrika Metalform, xehed illi l-impjegati qalulu biex johrog barra fil-parkegg u ra lill-partijiet jiggiedlu u jibku.  Huwa fehem li l-imputat - li kien nervuz hafna u kellu bicca hadida f'idu – kien iddisprat biex jara lil bintu, ried jiehu l-car seat mill-vettura ta' Marie Louise Stanyer u qallu « *tindahalx ghax nitfak fl-art* ».  Xehed ukoll illi wara li rnexxielu jikkalmah, l-imputat tefa' l-hadida fil-karozza tieghu li kienet barra l-fabbrika u telaq.

**Ian Restau**, managing director tal-fabbrika Metalform, ukoll xehed li meta nizel fil-parkegg tal-fabbrika wara li gie mitlub jaghmel dan mis-*supervisor* Josef Cutajar, ra li l-imputat kellu f'idu l-hadida li tidbel ir-rota tal-karozza biha u kien agitat, izda kkonferma li mill-ewwel mar inehhi l-hadida meta huwa talbu biex jaghmel dan.

Ikkunsidrat ;

L-imputat jinsab mixli bir-reati taht l-Artikolu 251A tal-Kap. 9 u bir-reat taht l-Artiklu 251B tal-Kap. 9 u dan permezz tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet, rispettivament.

L-Artikolu 251A jipprovdi, fil-parti relevanti tieghu li persuna tkun hatja tar-reat ta' fastidju jekk:-

"(*a) iġġib ruħha b'mod li tagħti fastidju lil persuna oħra;  jew*
*(b) iġġib ruħha b'mod li tkun taf jew ikun imissha tkun taf li dan ikun ta' fastidju għal dik il-persuna; ...*"

*(2) Għall-fini ta' dan l-artikolu, persuna li tkun qiegħda ġġib ruħha b'mod dubjuż imissha tkun taf li dik l-imġiba tammonta għal fastidju ta' persuna oħra jekk fil-qies ta' persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni din kienet kieku taħseb li dik l-imġiba kienet tammonta għal fastidju tal-persuna l-oħra."*

Imbaghad, l-Artikolu 251B tal-Kap. 9 jipprovdi li:-

*(1) Persuna li l-imġieba tagħha tikkaġuna lil ħaddieħor jibża' li se tintuża vjolenza kontrih jew kontra l-proprjetà tiegħu jew kontra l-persuna jew il-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-Artikolu 222(1) tkun ħatja ta' reat jekk hija tkun taf jew imissha tkun taf li l-imġieba tagħha se tikkaġuna lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażjonijiet.*

*(2) Għall-finijiet ta' dan l-artikolu, il-persuna li l-imġieba tagħha tkun waħda dubjuża jmissha tkun taf li tkun se tikkaġuna biża' f'ħaddieħor li ser tintuża vjolenza kontrih f'xi okkażjoni jekk persuna raġonevoli li jkollha l-istess informazzjoni kieku taħseb li dik l-imġieba tkun ser tikkaġuna biża' fil-persuna l-oħra f'dik l-okkażjoni."*

Dwar l-element kostituttiv tar-reati kemm taht l-Artikolu 251A kif ukoll taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, huwa pacifiku fl-insenjament gurisprudenzjali in materja illi jehtieg li jintwera li "*l-imgieba*" tal-agent tar-reat tammonta ghal *a course of conduct*. Dan hu dezumibbli mill-uzu specifiku tal-kelma "*imgieba*" fiz-zewg dispozizzjonijiet legali kif ukoll, kwantu ghar-reat taht l-Artikolu 251B mill-kliem tal-ligi: "… *lil xi ħadd ieħor hekk jibża' kull darba minn dawk l-okkażżjonijiet*". Barra minn hekk, kwantu ghar-reat ta' fastidju taht l-Artikolu 251A, jinghad li l-element tal-kondotta ripetuta huwa inerenti fit-tifsira nnifisha tal-kelma fastidju. In propositu, intqal hekk f'**Blackstone's Criminal Practice** (2012 Ed.):-

"*Establishing a course of conduct, rather than a series of unrelated acts, is crucial to the success of any prosecution for harassment, and '**it is the course of conduct which has to have the quality of amounting to harassment, rather than individual***

***instances of conduct**' (Iqbal v Dean Manson (Solicitors) [2011] EWCA Civ 123 per Rix LJ at [45]). The matters said to constitute the course of conduct amounting to harassment must be properly particularised in the information laid or the indictment (C v CPS [2008] EWHC 148 (Admin)) and must be so connected in type and in context as to justify the conclusion that they amount to a course of conduct (Patel [2005] 1 Cr App R 440; Pratt v DPP (2001) 165 JP 800; C v CPS ). The fewer and further apart the incidents, the less likely it is that they will be so regarded, but circumstances can be conceived 'where incidents, as far apart as a year, could constitute a course of conduct' (Lau v DPP [2000] Crim LR 580).*"[4]

Fir-rigward ta' dawn iz-zewg reati partikolari, issir ukoll referenza ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Bajada**[5] fejn gie ritenut:-

"*Illi r-reat tal-fastidju u tal-harassment kif ikkontemplati fl-artikoli 251A u 251B gew introdotti ghall-ewwel darba fil-ligi penali Maltija bl-Att XX tas-sena 2005. Illi mill-gurisprudenza tal-qrati taghna jidher illi l-imgieba li tohloq il-fastidju trid tkun "a course of conduct" u mhux incident wiehed u izolat.*"[6]

Il-Qorti sejra tapplika dan l-insenjament ghall-fatti tal-kaz in dizamina kif johorgu mill-provi, biex tistabbilixxi jekk fl-ewwel lok, giex ippruvat imgieba ossia *a course of conduct* da parti tal-imputat li jsarraf f'fastidju jew f'agir li jikkaguna biza' ta' vjolenza kif prospettat fl-Artikolu 251A u 251B tal-Kap. 9.

Tibda biex tosserva illi l-imputat gie mixli li kkommetta dawn iz-zewg reati **fil-5 ta' Awwissu 2020 u fil-jiem ta' qabel**. Il-Prosekuzzjoni ghalhekk hi marbuta li tipprova sal-grad mehtieg fil-kamp kriminali li f'dawk il-parametri temporali indikati fic-Citazzjoni, l-imgieba tal-imputat fil-konfront ta' Marie Louise Stanyer issarrfet f'fastidju jew agir li jikkaguna biza' ta' vjolenza. Issa l-parametri taz-zmien indikati

---

[4] Blackstone's Criminal Practice 2012 Ed. - B2.140 p.285. Emfasi tal-Qorti.

[5] Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, deciz 2.05.2013.

[6] Emfasi tal-Qorti.

fic-Citazzjoni, kif inghad, huma l-jiem qabel il-5 ta' Awwissu 2020 u l-gurnata tal-5 ta' Awwissu 2020. Ghall-Qorti dan ifisser illi biex l-imputat jinsab hati tar-reati addebitati lilu fl-ewwel zewg imputazzjonijiet, trid tkun sodisfatta li mill-provi jirrizulta illi l-imputat, fil-jiem li jigu qabel il-5 ta' Awwissu 2020, agixxa b'kondotta li fiha l-elementi materjali tar-reati taht l-Artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9 kif fuq imfisser.

Issa l-provi li tressqu f'din il-kawza jduru madwar l-incident li sehh fil-5 ta' Awwissu 2020 fejn huwa ppruvat li l-imputat agixxa aggressivament fil-konfront ta' Marie Louise Stanyer u hebb ghaliha b'hadida li mar igib dak il-hin stess mill-vettura tieghu kif ukoll billi ghamel il-ponn ma' wiccha. Heddidha wkoll li jekk ma jarax lil bintu dakinhar stess kien ser ikissrilha l-karozza. Huwa ppruvat ukoll mit-testimonjanza tax-xhieda okulari li l-imputat dak il-hin kien nervuz u ecitat u l-komportament tieghu kien wiehed agitat u aggressiv tant illi huwa kien qed jghajjat u hedded ukoll lil wiehed mix-xhieda li intervejna biex jikkalma s-sitwazzjoni bejn il-partijiet. Huwa evidenti li l-parti offiza hassitha mhedda u mbezzgha bil-komportament tal-imputat ghaliex hija fehmet li kieku seta', huwa kien joqtolha dak il-hin.

Huwa minnu illi Marie Louise Stanyer xehdet ukoll dwar incident li sehh fit-2 ta' Mejju 2020 meta l-imputat allegatament sawwatha u pproduciet fl-atti diversi messaggi ta' theddid liema messaggi hija xehdet li ntbaghtu lilha mill-imputat fit-18 ta' Gunju 2020. Izda l-Qorti tosserva illi l-incident tat-2 ta' Mejju 2020 - apparti li dan jifforma l-oggett ta' proceduri kriminali separati istitwiti fil-konfront tal-imputat - ma jirrientrax entro l-parametri taz-zmien indikati fic-Citazzjoni cioe` fil-**jiem** li jigu qabel il-5 ta' Awwissu 2020, izda jmur lura ferm qabel ghaliex effettivament sehh fix-**xhur** ta' qabel il-5 ta' Awwissu 2020.

Barra minn hekk, kwantu ghall-messaggi esebiti fl-atti, ghalkemm fil-fehma tal-Qorti dawn huma evidentement tal-kalibru li jrawwmu fir-recipjent allarm u dwejjaq kif ukoll huma oggettivament kapaci jikkagunaw biza' li tintuza vjolenza kontrih jew kontra l-proprjeta` tieghu, il-parti offiza stess xehdet li dawn intbaghtu lilha **fit-18 ta'**

**Gunju 2020** kif del resto jirrizulta mid-dokument li jinsab a fol. 56 tal-atti. Mix-xhieda ma jirrizultax li l-bqija tal-messaggi formanti parti minn Dok. MS1 intbaghtu wkoll fit-18 ta' Gunju 2020 izda m'huwiex ippruvat lanqas li dawn intbaghtu fil-5 ta' Awwissu 2020 jew fil-jiem ta' qabel. **Certament, episodji ta' kondotta da parti tal-imputat li jirrisalu ghax-xhur ta' Mejju jew Gunju 2020 imorru ferm lil hinn mill-granet ta' qabel il-5 ta' Awwissu 2020** u konsegwentement ma jistghux jigu meqjusin fl-istharrig tal-Qorti dwar l-elementi materjali kostituttuvi tar-reati taht l-Artikoli 251A u 251B tal-Kap. 9.

Kif diga' stabbilit, iz-zmien tal-kommissjoni tar-reati addebitati fl-ewwel u t-tieni akkuzi huwa cirkoskritt ghall-granet u mhux ghax-xhur ta' qabel il-5 ta' Awwissu 2020 u ma ntalbet l-ebda korrezzjoni mill-Prosekuzzjoni sabiex il-partikolarita' taz-zmien tal-akkuzi tigi korretta biex thadden fiha u tirrifletti z-zmien tal-episodju u incidenti ohrajn precedenti jew kondotta tal-imputat li tirrisali ghal zmien qabel Awwissu 2020 skont kif jirrizulta mill-provi.

Illi s-subartikolu (2) tal-Artikolu 360 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta huwa car f'dak li ghandu jissemma specifikatament fic-citazzjoni, u jipprovdi li:-

"*Ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti ta' l-akkuza, bil-partikularitajiet ta' zmien u ta' lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw……*"

Fis-sentenza moghtija fit-18 ta' Ottubru 2005 mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs John Mary Briffa**, fejn l-appellant f'dik il-kawza gie akkuzat b'reati li allegatament sehhew "*ghall-habta tas-7.30 p.m.*" mentri l-provi kienu jirrigwardaw incident li sehh "*ghall-habta tas-7.30 a.m.*", intqal hekk:-

"*Mill-provi ma jirrizultax li gara xi incident fil-hin indikat fl-imputazzjoni u ghalhekk l-appellant ma setax jinsab hati kif fil-fatt insab. Il-frazi "ghall-habta ta' tindika hin*

*approssimattiv u tinkludi hin vicin dak imsemmi fl-imputazzjoni izda zgur mhux tnax-il siegha wara."*[7]

Illi dan l-istess principju gie riaffermat mill-istess Qorti tal-Appell Kriminali f'diversi kawzi ohra inkluz dawk fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Warren Piscopo** u **Il-Pulizija vs Rita Thuema**, it-tnejn decizi fid-19 ta' Ottubru 2011. Inoltre, kif ritenut mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza **Il-Pulizija vs omissis Francesco sive Godwin Scerri** deciza fit-18 ta' April 2012, jekk tul il-kumpilazzjoni jkunu jirrizultaw partikolaritajiet ta' fatti, lok u zmien li jvarjaw sostanzjalment ma' dak indikat fl-imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni setghet titlob korrezzjoni fic-citazzjoni.

Izda f'dan il-kaz, peress li kif inghad, ma ntalbitx korrezzjoni fiz-zmien indikat fic-Citazzjoni kwantu ghall-kommissjoni tar-reati taht l-Artikolu 251A u l-Artikolu 251B tal-Kap. 9, il-Prosekuzzjoni baqghet marbuta mal-imputazzjonijiet kif impostati li, kif gia` stabbilit, kwantu ghall-ewwel u t-tieni imputazzjoni, jirreferu ghal kondotta li sehhet fid-data tal-5 ta' Awwissu 2020 **u l-jiem u l-granet ta' qabel.** Issa, ghall-fini tal-partikolaritajiet ta' zmien imsemmija fic-citazzjoni kwantu ghall-ewwel zewg imputazzjonijiet, **il-Qorti tqis li huwa biss l-incident tal-5 ta' Awwissu 2020 li jirrizulta mill-provi li jinkwadra fil-parametri tal-"*5 ta' Awwissu 2020 u fil-jiem ta' qabel*" li fih huwa riskontrabbli l-element materjali mehtieg ghall-prova tar-reati in dizamina. Il-parti offiza ma xehdet dwar l-ebda episodju partikolari iehor ta' komportament tal-imputat li nissel dwejjaq u allarm fiha u li sehh specifikatament fil-jiem qabel il-5 ta' Awwissu 2020.**

Madanakollu, kif inhuwa risaput, incident wiehed biss ma jammontax ghal *a course of conduct* li, kif rajna, huwa mehtieg ghas-sejbien ta' htija tar-reat taht l-Artikolu 251B tal-Kap. 9.

---

[7] Ara wkoll in propositu **Il-Pulizija (Spettur Nadia Lanzon) vs Rita Zammit**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-14 ta' April 2005; **Il-Pulizija (Spettur Pierre Micallef Grimaud) vs Christopher Ryan et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-10 ta' April 2014 u **Il-Pulizija vs Raymond Xerri**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2017.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Norman Cascun** qalet hekk in propositu:-

*"Din il-Qorti mhix ser tipprova taghti definizzjoni ezawrienti ta' x'jammonta ghal "course of conduct" ghall-fini tal-imsemmi Artikolu 251B(1) – u anqas ma hi ser tipprova telenka kazijiet, anke jekk biss bhala forma ta' ezempju, li jammontaw jew ma jammontawx ghal tali "imgieba", haga li trid tigi deciza minn kaz ghal kaz skond ic-cirkostanzi u bl-applikazzjoni ta' doza qawwija ta' saggezza min-naha tal-gudikant.* ***Dak li qed jigi deciz f'din il-kawza hu biss li incident wiehed (u, per di piu`, ta' minuti) ma jammontax ghal "course of conduct" ghall-finijiet tal-Artikolu 251B(1)****."*[8] [emfasi ta' din il-Qorti]

Huwa minnu li hu rikonoxxut ukoll fil-gurisprudenza[9] illi jista' jkun hemm aktar minn okkazjoni wahda fl-istess jum fejn tigi ravvizata l-kondotta mehtiega ghall-finijiet tal-Artikolu 251A u l-Artikolu 251B, u ghalhekk tista' tinstab htija ghal dawn ir-reati anke f'kaz li jigi ppruvat li kien hemm *a course of conduct* f'gurnata wahda biss. Madanakollu fil-kaz in dizamina, ma jirrizultax li kien hemm *a course of conduct* fil-gurnata tal-5 ta' Awwissu 2020 li jista' jwassal biex jigu rravvizati r-reati ipotetizzati fl-Artikolu 251A u l-Artikolu 251B.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma tistax issib htija fl-imputat ghar-reati addebitati fl-ewwel u fit-tieni imputazzjonijiet.

Ikkunsidrat;

L-imputat gie mixli fit-tielet akkuza bir-reat kontravvenzjonali taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, cioe` li kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku fil-5 ta' Awwissu 2020 bejn is-2.00 p.m. u s-6.00 p.m. gewwa Hal Far u jew f'inhawi ohra.

---

[8] Deciza 12.12.2019.
[9] Ara Il-Pulizija vs Jeffrey Scicluna, deciza fil-21 ta' Frar 2012, Qorti tal-Appell Kriminali.

In tema tal-kontravvenzjoni prospettata mill-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, il-Qorti sejra taghmel referenza ghall-insenjament rapportat mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza minnha moghtija fil-5 ta' Mejju 2005[10] fejn trattat b'mod ezawrjenti l-elementi li jehtiegu li jigu ppruvati sabiex tista' tinstab htija ghal dan ir-reat kontravvenzjonali:-

"*Illi kif gie ritenut minn din il-Qorti fl-Appell Kriminali: "**Il-Pulizija vs. Alfred Pisani**" [5.5.1995] ir-reat kontemplat fl-artikolu 338 (dd) tal-Kodici Kriminali javverra ruhu meta jkun hemm dak li fil-"common law" Ingliza kien jissejjah "a breach of the peace" . Bhala regola jkun hemm din il-kontravvenzjoni meta jkun hemm **ghemil volontarju li minnu nnifsu jew minnhabba c-cirkostanzi li fihom dak l-ghemil isehh, inissel imqar minimu ta' inkwiet jew thassib f'mohh persuna (li ma tkunx l-akkuzat jew l-imputat) dwar l-inkolumita' fizika ta' persuna jew dwar l-inkolumita' ta' proprjeta', kemm b' rizultat dirett ta' dak l-ghemil jew minnhabba l-possibilita' ta' reazzjoni ghal dak l-ghemil**.*

…

*U dik il-Qorti ziedet tghid li:- "Naturalment huwa kwazi impossibbli li wiehed jiddeciedi aprioristikament x' jammonta jew x' ma jammontax f' kull kaz ghar-reat ta' ksur volontarju tal-buon ordni u l-kwiet tal-pubbliku. Kif jghid awtur iehor Skocciz , Gerald H. Gordon, fit-test awtorevoli tieghu "The Criminal Law of Scotland" (Edinburgh, 1978):- "Whether or not any particular acts amount to such a disturbance is a question of fact depending on the circumstances of each case, and strictly speaking probably no case on breach of the peace can be regarded as an authority of general application." (p.985, para. 41-01). U aktar 'l quddiem l-istess awtur jghid:- "…although it has been held not to be a breach of the peace merely to annoy someone such annoyance could amount to a criminal breach of the peace if the circumstances were such that it was calculated to lead actual disturbance." (p.986, para. 41-04)* [emfasi tal-Qorti]

---

[10] **Il-Pulizija v. Noel Tanti.**

Imbaghad, fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claudio Overend**, deciza fis-6 ta' Jannar 2012, l-istess Qorti tal-Appell Kriminali riteniet hekk:-

"*Il-kuncett Ingliż ta' 'breach of the peace' li, kif ingħad, il-Qrati tagħna jidher li fil-massima segwew, ġie spjegat mill-Professur A.T.H. Smith fil-ktieb tiegħu 'Offences Against Public Order' (London, Sweet & Maxwell, 1987) hekk: 'Because of the association between 'peace' and 'quiet', there is a natural tendency to suppose that a breach of the peace is 'any behaviour that disturbed or tended to disturb the tranquillity of the citizenry'. ... The leading modern authority is undoubtedly the decision of the Court of Appeal in Howell .... Watkins L.J. said: '.... Even in these days when affrays, riotous behaviour and other disturbances happen all too frequently, we cannot accept that there can be a breach of the peace unless there has been an act done or threatened to be done which either actually harms a person, or in his presence his property, or is likely to cause such harm, or which puts someone in fear of such harm being done' (p.182).*"

Il-Qorti sejra tapplika dan l-insenjament ghall-fattispecje tal-kaz biex tistharreg jekk l-imputat jinstab hati ghal dan ir-reat kontravvenzjonali. Mix-xhieda jirrizulta illi fl-episodju li sehh fil-5 ta' Awwissu 2020 meta l-imputat hebb ghal Marie Louise Stanyer, huwa kien nervuz, agitat kif ukoll kellu f'idu bicca hadid u kien qed jghajjat u jagixxi b'mod aggressiv mhux biss fil-konfront tal-parti offiza - li mill-provi jirrizulta li kienet qieghda tibki, kienet ecitata u bezghet ghall-inkolumita` fizika taghha - izda anke fil-konfront ta' terzi persuni li xehdu f'dawn il-proceduri[11]. Kemm hu hekk, l-ghajjat tieghu nstemghu minn zewg haddiema fil-fabbrika li hargu barra biex jipprovaw jikkalmaw il-partijiet u li hassew il-htiega li jfittxu ghall-assistenza tas-superjuri taghhom biex jintervjenu.

---

[11] Ara xhieda ta' Josef Cutajar u Ian Restau. Josef Cutajar xehed illi l-imputat qallu "*tindahalx ghax nitfak mal-art*". Ian Restau xehed illi Josef Cutajar "*kien daqsxejn ecitat, ghax esperjenzi godda dawn ghalina. Jien ippruvajt nikkalmah*". Qal ukoll li l-imputat "*… beda jiftah idu*".

Dan maghdud huwa bizzejjed, fil-fehma tal-Qorti, sabiex jipprova li l-agir tal-imputat waqt dan l-episodju kien kapaci jnissel l-allarm f'iktar minn persuna wahda ohra dwar l-inkolumita` taghhom. F'kull kaz, kif rajna mill-gurisprudenza fuq citata, m'huwiex rikjest sabiex tigi ravvizata htija ghar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9, illi tingieb prova illi l-agir tal-imputat ikun **attwalment** nissel l-allarm f'persuna ohra dwar l-inkolumita` fizika taghha jew inkolumita` tal-proprjeta` taghha: il-fatt illi dak l-agir huwa fih innifsu kapaci inissel dan it-thassib, jew x'aktarx li jnissel dak it-thassib, huwa sufficjenti sabiex tigi stabbilita reita`.

Ghaldaqstant, mizmum ferm dak kollu fuq premess, il-Qorti tqis illi r-reat addebitat lill-imputat fit-tielet imputazzjoni gie ppruvat sodisfacjentement u illi konsegwentement, l-imputat ghandu jinsab hati tar-reat taht l-Artikolu 338(dd) tal-Kap. 9.

Ikkunsidrat;

Kwantu mbaghad ghar-reati addebitati lill-imputat fir-raba' u l-hames imputazzjonijiet, cioe` l-kontravvenzjonijiet prospettati fl-Artikolu 339(1)(e) u l-Artikolu 339(1)(b), rispettivament, tal-Kap. 9, il-Qorti tqis li dawn gew ippruvati sodisfacjentement. Hawnhekk l-imputat jinsab mixli li fil-5 ta' Awwissu 2020 ghall-habta ta' bejn is-2.00 p.m. u 6.00 p.m. gewwa Hal Far ingurja lil Marie Louise Stanyer u heddidha bi hwejjeg iebsin minghajr ma sawwatha jew darrabha. Huwa diga' stabbilit mill-provi illi l-imputat mhux biss hedded lill-parti offiza meta qalilha li jekk mhux ser jara lit-tifla dakinhar stess, ser ikissrilha l-karozza u li ser ikompli jkissrilha hajjitha sakemm tnehhi ruhha b'idejha, izda wkoll hebb ghaliha meta ghamillha l-ponn ma' wiccha u u zamm hadida f'idu waqt li kien qed jghajjat u jargomenta mal-parti leza.

Ikkunsidrat;

L-imputat gie mixli wkoll li fil-5 ta' Awwissu 2020 u jew fil-jiem ta' qabel, ikkommetta r-reati taht is-subincizi (a) u (c) tal-Artikolu 49 tal-Kap. 399 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn jipprovdu li jkun hati ta' reat:-

*Kull min permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika -*

*(a) jhedded li jagħmel xi reat; jew*

…

*ċ) jagħmel użu ieħor mhux xieraq bih*

Issa kif diga' gie stabbilit iktar qabel, Marie Louise Stanyer xehdet illi l-messaggi li ntbaghtu lilha mill-imputat, esebiti fl-atti, intbaghtu lilha fit-18 ta' Gunju 2020. Imkien ma jirrizulta li ntbaghtu lilha xi messaggi ta' theddid fil-perijodu indikat fic-Citazzjoni bhala z-zmien li allegatament gew kommessi r-reati addebitati fis-sitt u fis-seba' imputazzjonijiet. Kif diga' stabbilit, id-data tat-18 ta' Gunju 2020 ma tinkwadrax fil-parametri taz-zmien li fic-Citazzjoni gie indikat bhala z-zmien tal-kommissjoni ta' dawn ir-reati, cioe` "*fil-5 ta' Awwissu 2020 u l-jiem ta' qabel*".

Din il-konkluzjoni l-Qorti waslet ghaliha wkoll anke ghaliex tqis li ma giex ippruvat sodisfacjentement minn liema numru ta' linja telefonika ntbaghtu l-messaggi li jifformaw parti minn Dok. MS1, wisq inqas li dawn intbaghtu mill-imputat[12].

Ikkunsidrat;

L-imputat gie mixli wkoll li huwa recidiv a tenur tal-Artikolu 49 u l-Artikolu 50 tal-Kap. 9. Il-Prosekuzzjoni esebiet kopja legali tas-sentenza moghtija fl-14 ta' Ottubru 2014 (Dok. RA7) li kkundannat lil Daniel Desmond Borg li ghandu l-istess konnotati tal-imputat odjern, ghal sentenza ta' sentejn prigunerija sospizi ghal erba' snin, li

[12] Ara xhieda ta' Marisa Gauci ghan-nom ta' Epic Communications Limited, 1 ta' Dicembru 2020 : in-numru 99849008 jinsab registrat f'isem Jane Camilleri Borg filwaqt illi n-numru 99130419 jinsab registrat f'isem Marie Louise Stanyer stess. M'hemm ebda prova li l-imputat kien effettivament qieghed juza t-telefon ta' Jane Camilleri Borg meta baghat il-messaggi lill-parti leza.

minnha ma jirrizultax li gie interpost appell. Ghalkemm mill-fedina penali tieghu jirrizulta wkoll li l-imputat gie kkundannat permezz ta' sentenza moghtija fl-10 ta' Marzu 2015, ma giet prodotta l-ebda prova fir-rigward u ma giet esebita l-ebda kopja legali ta' din is-sentenza, liema prova l-Qorti tqis li hija dejjem indispensabbli ghall-fini tal-prova tal-addebitu dwar ir-recidiva.

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Jason James Agius** moghtija minn din il-Qorti fil-5 ta' Novembru 2001, gie ritenut:

*"Bhal ma dejjem gie ritenut, l-ahjar prova sabiex tigi ppruvata xi akkuza bhal dawn in kwistjoni hi li tigi esebita kopja ufficjali tas-sentenza relattiva, u wara ssir il-prova ta' l-identita` ... l-obbligu tal-prosekuzzjoni li tesebixxi dawk is-sentenzi jibqa' dejjem, minkejja l-esenzjoni moghtija mill-akkuzat li tipproduci prova ta' l-identita`. Jekk ma tigix esebita jew prodotta tali prova permezz tal-kopja ufficjali tas-sentenza li tissemma fl-akkuza, allura wiehed ma jistax jghid li saret l-ahjar prova dwar jekk verament precedentement l-appellant kienx ikkommetta xi reat iehor li tieghu gie misjub hati ...."*

Minn dan jirrizulta illi huwa ppruvat l-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 49 li jqis bhala recidiva kull persuna li taghmel reat iehor wara li tkun ġiet ikkundannata għal reat b'sentenza.

Izda ma jirrizultax li l-imputat huwa wkoll recidiv ghall-fini tal-Artikolu 50. Dan l-Artikolu jipprovdi:-

*Meta persuna kkundannata ghal delitt, taghmel delitt iehor fi zmien ghaxar snin minn dak in-nhar li tkun skontat jew tkun giet mahfura l-piena, jekk iz-zmien ta' dik il-piena kien izjed minn hames snin, jew fi zmien hames snin, fil-kazijiet l-ohra kollha, tista' tehel piena akbar bi grad wiehed mill-piena stabbilita ghal dak id-delitt.*

Fil-kaz in dizamina l-imputat mhux qed jinstab hati li kkommetta delitt izda biss reati kontravvenzjonali u ghalhekk l-Artikolu 50 mhuwiex applikabbli.

Ikkunsidrat;

Ghall-fini tal-piena l-Qorti sejra taghmel is-segwenti konsiderazzjonijiet. Mill-gabra tal-provi fl-atti, il-Qorti fehmet illi l-komportament aggressiv u ta' theddid tal-imputat fl-incident li sehh fil-5 ta' Awwissu 2020 xpruna mill-fatt li huwa ma kienx qed jara lil bintu ghaliex il-parti offiza ma hallitux jaghmel dan. Mix-xhieda jirrizulta li l-imputat kien agitat u nervuz hafna minhabba li ried jara lil bintu dakinhar stess wara li kien ilu ma jaraha gimgha shiha.

Naturalment il-Qorti m'hijiex qieghda tissanzjona dan l-agir tal-imputat. Ghall-kuntrarju, taghmilha car bl-iktar mod vociferu li l-perpetrazzjoni ta' theddid u aggressjoni ta' kull xorta u ghal kwalsiasi raguni, inkluz dik li tigi xprunata mit-terminazzjoni ta' relazzjoni u diffikolatjiet fl-access u kuntatt mal-ulied, hija kundannabbli ikunu xi jkunu c-cirkostanzi. Madanakollu, hija fehmet illi l-imputat kien motivat ukoll fl-imgieba tieghu, sa certu grad, mix-xewqa tieghu li jara lil bintu. Kif inghad, dan ma jiggustifikax eghmilu u l-Qorti temmen li l-imputat jehtieg jindirizza l-problema evidenti ta' nuqqas ta' kontroll fuq l-emozzjonijiet tieghu u kif ukoll sabiex, tenut in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, jaghraf li jzomm 'il boghod minn kondotta negattiva u kriminuza li tista' twassal ghall-ghemil ta' reati ohra.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt li l-imputat huwa recidiv ghall-fini tal-Artikolu 49 tal-Kap. 9 u ghalhekk tqis illi ghalkemm qed jinstab hati biss ta' reati kontravvenzjonali, jehtieg li l-piena tirrifletti dan l-istat ta' fatt.

**<u>Decide</u>**

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li ma ssibx lil DANIEL DESMOND BORG hati tal-ewwel, it-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjonijiet u tilliberah minnhom, wara li rat l-Artikoli 338(dd), 339(1)(b) u 339(1)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda ssibu hati tat-tielet, ir-raba' u l-hames imputazzjonijiet kif ukoll tal-addebitu tar-recidiva taht l-Artikolu 49 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tikkundannah gimgha detenzjoni.**

**B'applikazzjoni u ghall-finijiet tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u billi tqis li huwa xieraq sabiex tipprovdi ghas-sigurta` tal-persuna ta' Marie Louise Stanyer, il-Qorti qieghda torbot lill-hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu li ma jimmolestax u ma jdejjaqx lill-istess Marie Louise Stanyer u dan taht penali ta' elf Euro (€1,000), ghal zmien tnax-il xahar mil-lum.**

**DR. RACHEL MONTEBELLO**
**MAGISTRAT**